

Brussell, 10 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12389/25

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0084 (COD)**

---

**CODEC 1189  
COH 166  
SOC 589  
ENER 422  
ENV 792  
CADREFIN 159  
PE 52**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strażburgu, mit-8 sal-11 ta' Settembru 2025) |

## **I. INTRODUZZJONI**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

Fis-7 ta' Mejju 2025, il-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali (REGI) biex jipproċedi skont l-Artikolu 170 (proċedura urġenti).

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI), Dragoş BENEA (S&D, RO), ippreżenta f'isem il-Kumitat REGI emendi ta' kompromess (l-emendi numru 77 u 78) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha kien ħejja abbozz ta' rapport. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom waqt il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-Grupp tax-Xellug ressaq żewġ emendi (l-emendi numru 79 u 80), il-Grupp tal-Ħodor/AHE ressaq seba' emendi (l-emendi numru 81 u 83 sa 88) u l-Grupp Renew Europe ressaq tliet emendi (l-emendi numru 82, 89 u 90).

## II. VOT

Meta vvotat fl-10 ta' Settembru 2025, il-plenarja adottat l-emendi ta' kompromess (l-emendi numru 77 sa 78) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata l-ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tidher fl-Anness hawnhekk<sup>2</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad ikun adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

**P10\_TA(2025)0177**

**Emenda tal-FEŻR, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu (COM(2025)0123 – C10-0063/2025 – 2025/0084(COD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0123),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 175, 177, 178 u 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0063/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' April 2025<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tal-15 ta' Mejju 2025<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Lulju 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża,
- wara li kkunsidra l-ittri tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

---

<sup>1</sup> ĠU C, C/2025/3197, 2.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3197/oj>.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2025/3474, 16.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3474/oj>.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A10-0129/2025),
- 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
- 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
- 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 175, 177, 178 u 322 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni<sup>4</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>5</sup>,

---

<sup>3</sup> ĠU C/2025/3197, 2.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3197/oj>.

<sup>4</sup> ĠU C, C/2025/3474, 16.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3474/oj>.

<sup>5</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2025.

Billi:

- (1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika **u** tar-reżiljenza u ***tas-salvagwardja tal-prinċipji demokratiċi u tal-istat tad-dritt*** tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-tranżizzjonijiet simultanja juru l-hteġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, li jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u li jitnaqqsu d-dipendenzi esterni, billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tizzied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.
- (2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali, il-politika ta' koeżjoni **■** tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti. ***Barra minn hekk, ir-rieżami ta' nofs it-terminu jimpenja ruħu li jirrispetta l-prinċipju tas-sħubija u l-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli biex tiġi ssalvagwardjata implimentazzjoni effettiva, reġjonali u ċċentrata fuq iċ-ċittadin ta' politika ta' koeżjoni. Għalhekk, kwalunkwe riallokazzjoni fl-ambitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija<sup>6</sup>.***

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2014/240/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/240/oj)).

- (3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi u opportunitajiet ġodda, biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività tagħhom sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni, ***mingħajr preġudizzju għal atti legali tal-Unjoni oħra jew għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.***
- (4) ***Fid-dawl tal-importanza tal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali applikabbli għall-oġettivi speċifiċi kollha u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfartagħhom, skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, ta' u tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> għall-użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ ġenerali tal-Unjoni mogħti minn dawk il-Fondital-Unjoni, u l-ħtieġa li jiġi żgurat l-effett prattiku ta' dawk il-Fondi tal-Unjoni, l-ammonti li jaqbżu l-ammont ta' flessibbiltà msemmi fl-Artikolu 86(1), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, li jikkorrispondu għal oġettivi speċifiċi li huma soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni abbażi tal-applikazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal emenda jew trasferiment tal-programm abbażi tal-prijoritajiet u tal-flessibbiltà' ġodda previsti fid-dispożizzjonijiet emendatorji stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

*Tali miżura proporzjonata tikkostitwixxi inċentiva neċessarja, maħsuba biex tiżgura li l-liġijiet u l-prattiki tal-Istati Membri jkomplu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali u li n-nefqa koperta mill-Fondi tal-Unjoni tissodisfa l-objettivi tal-Unjoni. Peress li r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> huwa ta' applikazzjoni orizzontali, l-istess rekwiżit jenħtieġ li japplika għall-ammonti li jikkorrispondu għall-impenji sospiżi mill-miżuri adottati abbażi ta' dak ir-Regolament. L-ammonti fi ħdan l-ammont ta' flessibilità msemmija fl-Artikolu 86(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/1060 u li jikkorrispondu għall-objettivi speċifiċi soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni abbażi tal-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali jistgħu jkun soġġetti għal emenda jew trasferiment tal-programm abbażi ta' prijoritajiet ġodda, dment li tali prijoritajiet ġodda jikkonformaw mal-objettivi li jridu jintlaħqu mill-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali.*

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-bagħit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj>).



- (5) Fil-komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" kif ukoll fil-komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Frar 2025 bit-titolu "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Affordabbli li jakkumpanja, il-Kummissjoni ppreżentat perkors konkret għall-Ewropa biex terġa' tikseb il-kompetittività tagħha u tiżgura prosperità sostenibbli. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup>, diġà jappoġġaw l-investimenti favur l-oġettivi klimatiċi kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1060. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li d-dekarbonizzazzjoni tkun fattur ewlieni għat-tkabbir tal-industrija Ewropej u l-prosperità taċ-ċittadini Ewropej billi, *inter alia*, iżidu l-appoġġ għat-teknoloġija nadifa u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jinvestu fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li jistgħu jiżguraw Unjoni tal-Enerġija reali u jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti.

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj>).

- (6) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiżgura d-difiża ***u l-preparatezza ċivili*** tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża ***u fis-sigurtà ċivili***. Għalhekk jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura tad-difiża jew b'użu doppju reżiljenti, ***inkluż*** bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari ***u li tissaħħaħ il-preparatezza ċivili, inklużi s-sigurtà ċibernetika u s-sigurtà ċivili li mhum iex neċessarjament relatati mal-mobbiltà***, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi ***u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet reġjonali u lokali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-preparatezza ċivili tiġi appoġġata bħala parti mill-istrategġiji ta' żvilupp territorjali u lokali***. Il-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106<sup>10</sup>, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali biex jittrasferixxu b'mod volontarju r-riżorsi allokat lihom taħt ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dak il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari msemmija fil-White Paper Konġunta tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030. ***Meta jappoġġaw tali investimenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu, meta applikabbli, il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>, ir-regoli ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2025/1106 jew id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-programmi għall-industrija tad-difiża Ewropea. L-investimenti fl-infrastruttura u fil-kapaċitajiet b'użu doppju jenħtieġ li jingħataw prijorità.***

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj>).

- (7) *Jenħtieġ li jiġu ddedikati attenzjoni partikolari u appoġġ eċċezzjonali lir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni li jikkonfinaw mar-Russja, mal-Belarussja u mal-Ukrajna, minħabba l-isfidi uniċi tagħhom f'termini ta' sigurtà u l-importanza ġeopolitika tagħhom. Dawk ir-reġjuni huma partikolarment esposti għat-theddid estern, inklużi attakki ibridi. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża lokali u tar-reżiljenza tal-komunitajiet f'dawk ir-reġjuni huwa essenzjali mhux biss biex tiġi skoraġġguta aggressjoni potenzjali u biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà Ewropea, iżda anki biex jiġi appoġġat l-iżvilupp reġjonali, tiġi promossa l-koeżjoni soċjali, jinħolqu l-impjiegi u jittejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja.*
- (8) *Fl-allokazzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni diretti lejn l-oġettivi relatati mad-difiża, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu prijorità lill-proġetti li jippromwovu l-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet u d-diversifikazzjoni industrijali fil-livell reġjonali. Jenħtieġ li titqiegħed enfasi partikolari fuq l-appoġġ lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lir-raggruppamenti reġjonali attivi fit-teknoloġiji b'użu doppju, fiċ-ċibersigurtà u fl-intelliġenza artifiċjali, li jiżgura li tali investimenti jaqdu l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u l-oġettiv tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.*

- (9) *L-investimenti fit-titjib tan-networks tat-trasport biex jissodisfaw ir-rekwiżiti militari jwasslu wkoll għal benefiċċji sinifikanti għall-mobbiltà ċivili, il-konnettività ekonomika u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għall-kriżijiet fi ħdan l-Unjoni. Tali investimenti jtejbju l-infrastruttura transfruntiera, inaqqsu l-konġestjonijiet, isaħħu l-preparatezza u jikkontribwixxu għar-reżiljenza tar-reġjuni u tal-ktajjen tal-provvista kritiċi. Barra minn hekk, iċ-ċentri tat-trasport li jippermettu l-implimentazzjoni rapida ta' servizzi ta' emerġenza u d-distribuzzjoni ta' provvisti essenzjali, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-kontinwità tal-funzjonijiet vitali u għas-sigurtà nazzjonali.*
- (10) Barra minn hekk, sabiex tiġi injettata malajr il-likwidità biex jiġu koperti l-aktar ħtiġijiet urġenti, għal investimenti f'kapaċitajiet *u f'infrastruttura* ta' difiża msaħħa, *b'mod partikolari, bl-għoti ta' prijorità lill-kapaċitajiet u infrastruttura b' użu doppju, kif ukoll lill-preparatezza ċivili*, jenħtieġ li jiġu offruti possibbiltajiet ta' finanzjament addizzjonali. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi previst prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' **20** % tal-ammonti pprogrammati taħt *tali* prijoritajiet iddedikati ■ skont l-oġettivi ta' politika rilevanti tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni u l-possibbiltà li tiġi applikata rata *ogħla* ta' kofinanzjament tal-Unjoni ■ .

- (11) Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jistgħu, fi ħdan l-ambitu ta' appoġġ rispettiv tagħhom, diġà jipprevedu appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-"Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa" (STEP) stabbilit mir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>, li għandha l-għan li ssaħħa it-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa. Sabiex jiġu previsti aktar inċentivi għal investimenti mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni f'dawk l-oqsma kritiċi, jenħtieġ li titneħħa l-limitazzjoni għall-kontribuzzjoni kumplessiva tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni għal daww il-prijoritajiet u jenħtieġ li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jirċievu prefinanzjament ogħla għal emendi tal-programm relatati. ***Il-prijoritajiet li jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP taħt talba għal emenda tal-programm li ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2025 għandhom jirċievu l-prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba applikabbli fil-mument tal-preżentazzjoni ta' dik it-talba.*** Barra minn hekk, il-possibbiltajiet għall-finanzjament ta' investimenti produttivi li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP f'intrapriżi għajr l-SMEs jenħtieġ li japplikaw ***għall-Istati Membri u għar-reġjuni kollha bi PDG per capita aktar baxx mill-medja tal-EU-27, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs.***

---

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Jenħtieġ li tali investimenti jkunu possibbli wkoll f'reġjuni fejn jiffaċilitaw l-aġġustament industrijali marbut mat-tranżizzjoni diġitali, inkluż il-kapaċitajiet diġitali fil-cloud computing, l-IA u s-supercomputing, u d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti, bħal fl-industrija tal-karozzi jew fl-industriji intensivi fl-enerġija. Barra minn hekk, il-possibbiltà prevista għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP biex jiffinanzjaw investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> jenħtieġ li tiġi estiża għall-investimenti kollha, ***filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs, meta tali investimenti huma meħtieġa għal, inter alia, l-implimentazzjoni tal-fond għal tranżizzjoni ġusta u għal ħolqien ta' impjiegi.***

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj>).

- (12) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u tiġi promossa l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi prevista fir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni, ***tad-distribuzzjoni, tal-ħżin u ta' appoġġ*** relatata, ***kif ukoll biex dik l-infrastruttura tiġi protetta u salvagwardjata u biex jissaħħaħ il-varar*** tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. ***Infrastruttura tal-enerġija ta' appoġġ tirreferi għal kwalunkwe faċilità, tagħmir u sistema li jappoġġaw l-interkonnessjoni tas-sistemi tat-trażmissjoni tal-Istati Membri billi jippermettu l-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin tal-enerġija.*** Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawk l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dak l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' **20 %** tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ***ogħla*** ta' kofinanzjament tal-Unjoni **■**. L-awtoritajiet ta' ġestjoni huma mistennija li jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dak l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli li huma allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni.

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1804/oj>).



- (13) Il-proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs), jiġifieri proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa bħala essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni, huma meqjusa kompatibbli mas-suq intern fejn jippermettu kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEIs ġodda u implimentazzjoni ta' IPCEIs eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI li l-Kummissjoni sabet li huwa kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ġajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni", jenħteġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħteġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-ġażla simplifikati.

- (14) L-akkomodazzjoni affordabbli u **sostenibbli** hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. **Il-gruppi żvantaġġati u l-familji b'introjtu baxx u b'introjtu medju huma partikolarment affettwati u jiffaċċjaw aktar diffikultajiet fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u riskju dejjem akbar li jispiċċaw mingħajr dar.** Bil-ħsieb li jiġu pprovduti inċentivi għall-Istati Membri u r-regġuni biex jirduppraw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambitu ta' appoġġ rispettiv tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli u **sostenibbli**, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-programmazzjoni tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati, **filwaqt li jiġi rrikonoxxut li d-definizzjoni ta' affordabbiltà tista' tvarja skont iċ-ċirkostanzi ta' kull Stat Membru.** Tali prijoritajiet jenħtieġ li **jkunu kompatibbli mad-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>** u jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata **ogħla** ta' kofinanzjament tal-Unjoni ■ u ta' prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' **20 %** tal-ammonti pprogrammati sabiex jittaffa' l-piż fuq il-baġits pubbliċi **fil-kategoriji kollha ta' regġuni.** Pereżempju, l-investimenti taħt **il-prinċipji u l-valuri tal-inizjattiva** tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet ■. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dak il-kuntest.

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj>).

- (15) L-ilma għandu rwol vitali bħala riżorsa għas-sigurtà tas-sistemi tal-ikel, tal-enerġija u ekonomiċi. Ir-rwol tiegħu bħala riżorsa huwa wkoll aspett ewlieni biex tiġi żgurata r-reżiljenza għall-klima. Minħabba l-isfidi ppreżentati mill-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tal-ilma, jenħtieġ li jiġu mħeġġa aktar investimenti fir-reżiljenza idrika. L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ilma u tal-baħar jenħtieġ li tissaħħaħ, l-effiċjenza tal-ilma jenħtieġ li titjiebl-iskarsezza tal-ilma jenħtieġ li tiġi indirizzata, u progress lejn Ewropa b'reżiljenza idrika jenħtieġ li jsir, b'mod urġenti. Dik l-implimentazzjoni tirrikjedi investimenti sinifikanti, **inkluż fl-użu mill-ġdid tal-ilma għal skopijiet mhux agrikoli, il-bijoteknoloġija blu, l-infrastruttura għall-indirizzar tal-istress idriku u l-prevenzjoni tan-nixfa, l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, ir-restawr ekoloġiku tal-ekosistemi tal-ilma ħelu u t-titjib tat-trattament tal-ilma mormi. Għall-popolazzjonijiet li jgħixu f'reġjuni partikolarment affettwati mill-iskarsezza tal-ilma, id-desalinazzjoni, jekk imwettaq b'mod sostenibbli, kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma", jista' jkollha wkoll rwol fundamentali fl-iżgurar ta' aċċess sigur għall-ilma u għalhekk jenħtieġ li tkun eliġibbli għal appoġġ.** Għalhekk huwa xieraq li tiġi inkluża referenza għall-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, **inkluż l-immaniġġjar integrat tal-ilma**, u r-reżiljenza idrika fl-oġettiv speċifiku ■ taħt l-oġettiv ta' politika 2 biex tkun tista' ssir ġestjoni proattiva bbażata fuq ir-riskju u aktar preparatezza. Il-prijoritajiet iddedikati **l-ġodda** stabbiliti għal dak l-oġettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' **20 %** tal-ammonti pprogrammati u l-possibbiltà ta' rata **ogħla** ta' kofinanzjament ■ sabiex jiġu pprovduti inċentivi għal investimenti kruċjali f'dak il-qasam.

***Jenħtieġ li jkun possibli wkoll li jiġi pprovdut appoġġ mill-JTF għal investimenti relatati mal-ilma meta tali investimenti jindirizzaw l-istress idriku akut, isaħħu r-reżiljenza għall-klima u jappoġġaw it-tranżizzjoni għal ekonomija lokali sostenibbli u diversifikata, anki meta ma jkunux marbutin direttament ma' proġetti ta' restawr tal-art. ■***

- (16) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu riprogrammazzjoni sinifikanti fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu u jiffukaw ir-riżorsi fuq daww il-prijoritajiet strateġiċi ġodda tal-Unjoni, jenħtieġ li jitneħħew restrizzjonijiet addizzjonali. Fir-rigward tar-reqwiziti ta' konċentrazzjoni tematika, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jgħoddu l-ammonti pprogrammati għal prijoritajiet strateġiċi ġodda, ***irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jikkonformawx mal-konċentrazzjoni tematika fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-kategorija tar-reġjun***, inklużi daww li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta' STEP, mal-ammonti meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mar-reqwiziti ta' konċentrazzjoni tematika. Il-flessibbiltà fir-rigward tar-reqwiziti ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn ċertu flessibbiltà fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni għall-klima għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/1060, filwaqt li jiġu rrispettati r-reqwiziti ġenerali ta' dak l-Artikolu. Barra minn hekk, ■ l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw ukoll il-possibbiltà li jikkontribwixxu riżorsi mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni għall-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>, biex jużawhom permezz tal-istrument finanzjarju previst fil-Programm InvestEU.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).

Fl-aħħar nett, sabiex tkun tista' ssir riprogrammazzjoni komprensiva lejn il-prijoritajiet strateġiċi l-ġodda fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri jibbenefikaw minn żmien addizzjonali biex jikkomplementaw il-valutazzjoni tagħhom tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu u l-preżentazzjoni tagħhom tal-emendi tal-programm relatati. Dak iż-żmien addizzjonali għar-riprogrammazzjoni jenħtieġ li japplika wkoll għar-riżorsi tal-JTF fejn ikunu inklużi fi programm flimkien mar-riżorsi tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni ***jew mar-riżorsi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)*** stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>. ***L-emendi għall-programmi fl-ambitu tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) jiġu ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***<sup>18</sup>.

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj>).

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1059/oj>).

- (17) Sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'mod aktar ġenerali u tiġi injettata l-likwidità meħtieġa biex jiġu implimentati investimenti ewlenin, jenħtieġ li jitħallas prefinanzjament addizzjonali ta' darba għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għal programmi kemm taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir kif ukoll taħt l-Interreg, meta r-riprogrammazzjoni tikkonċerna sehem sostanzjali tal-programm ġenerali. Jenħtieġ li l-perċentwal ta' prefinanzjament jiżdied aktar għal ċerti programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun ta' livell NUTS 2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, mal-Belarussja jew mal-Ukrajna, minħabba l-impatt negattiv tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fuq dawk ir-reġjuni. Sabiex titħeġġeġ riprogrammazzjoni lejn prijoritajiet ewlenin fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, il-prefinanzjament addizzjonali ta' darba jenħtieġ li jkun disponibbli biss meta jintlaħaq ċertu livell limitu għar-riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għal prijoritajiet kruċjali speċifiċi f'dak il-kuntest.

- (18) Biex jitqies iż-żmien meħtieġ biex l-investimenti jiġu ffukati mill-ġdid fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu u biex ikun permess l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli, id-data finali għall-eliġibbiltà tan-nefqa u r-regoli tad-diżimpenn jenħtieġ li jiġu aġġustati għall-programmi li jwettqu riallokazzjoni tar-riżorsi għal prijoritajiet strateġiċi fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tiġi applikata rata ***ogħla*** ta' kofinanzjament ■ għall-prijoritajiet fil-programmi taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun ta' livell NUTS 2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna, ***filwaqt li jitqies l-impatt*** negattiv fuq dawk ir-reġjuni tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ***u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-hteġa tal-għeluq f'waqtu tal-programmi, il-bidu f'waqtu ta' programmi ġodda u l-assorbiment sħiħ tal-finanzjament tal-programmi.***
- (19) Ir-rieżami ta' nofs it-terminu jenħtieġ li jintuża wkoll biex jissaħħaħ ir-rwol kruċjali tal-bliet ***u taż-żoni urbani funzjonali*** fit-tweġġ ta' ħafna objettivi tal-Unjoni billi l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà, ***f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet reġjonali u l-ambitu tal-politika ta' koeżjoni,*** għal riallokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji mill-FEŻR biex tissaħħaħ l-Inizjattiva Urbana Ewropea msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/1058. Barra minn hekk, sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' azzjonijiet innovattivi ewlenin identifikati taħt l-Inizjattiva Urbana Ewropea, tali azzjonijiet jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċedura tal-għażla simplifikata għall-appoġġ taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Biex tissaħħaħ il-flessibbiltà fl-użu tar-riżorsi, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw ukoll il-possibbiltà għal riallokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻR mill-programmi tagħhom taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir għall-Istrument għall-Investment Interreġjonali fl-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/1058.

- (20) Sabiex jiġi ssimplifikat it-tweġġ u jiġihaffu l-investimenti, huwa xieraq li jsiru bidliet immirati addizzjonali għall-qafas regolatorju li jirregola l-użu tal-JTF. B'mod partikolari, il-possibbiltà għal proċedura tal-għażla simplifikata għal operazzjonijiet li ġew attribwiti b'Siġill ta' Eċċellenza jenħtieġ li tiġi estiża għall-JTF. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet għar-reviżjoni tal-miri jenħtieġ li jitneħħew sabiex tiġi prevista l-flessibbiltà meħtieġa fil-kuntest taċ-ċirkostanzi ta' implimentazzjoni li qed jinbidlu.
- (21) ***Biex tappoġġa lill-Istati Membri fir-riprogrammazzjoni rapida u korretta tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi kjarifiki tekniċi f'waqthom u ċari u tappoġġa lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, inkluż permezz ta' sistema strutturata, billi twieġeb mistoqsijiet tekniċi, legali u proċedurali, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri introdotti minn dan ir-Regolament.***
- (22) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiffoka mill-ġdid l-investimenti fuq prijoritajiet kritiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu u li jissimplifika u jaċċellera t-tweġġ tal-politika billi jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.



- (23) Ir-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.
- (24) Minħabba l-ħtieġa urġenti li jkunu jistgħu jsiru investimenti kruċjali, b'mod partikolari fil-kapaċitajiet tad-difiża fil-kuntest ta' sfidi ġeopolitiċi urġenti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Emendi tar-Regolament (UE) 2021/1058

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), jiżdied il-punt li ġej:

"(vii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu kapaċitajiet ■ ta' difiża, *filwaqt li tingħata prijorità lill-kapaċitajiet b'użu doppju*.";

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (v) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(v) il-promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, *inkluż l-immaniġġjar integrat tal-ilma*, u r-reżiljenza idrika;"

(2) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(xi) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli *u sostenibbli*;

(xii) il-promozzjoni tal-interkonnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-trażmissjoni, *tad-distribuzzjoni, tal-ħażna u ta' appoġġ* relatata, *kif ukoll il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija* u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar.";

(iii) fil-punt (c), jiżdied il-punt li ġej:

"(iii) l-iżvilupp ta' infrastruttura reżiljenti tad-difiża **■**, *filwaqt li tingħata prijorità lil dik b'użu doppju, inkluż* biex titrawwem il-mobbiltà militari fl-Unjoni, *kif ukoll biex tissaħħaħ il-preparatezza ċivili*.";

(iv) fil-punt (d), jiżdied il-punt li ġej:

"(vii) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli **u sostenibbli**.";

(v) fil-punt (e), l-ewwel subparagrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(iii) it-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli **u sostenibbli** fit-tipi kollha ta' territorji;

(iv) *l-iżgurar tal-preparatezza ċivili fit-tipi kollha ta' territorji*.";

(vi) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-operazzjonijiet appoġġati taħt l-oġettiv speċifiku stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(iii), ***li jrawmu l-mobbiltà militari*** għandhom jiffokaw ***primarjament***, fejn rilevanti, fuq wieħed jew aktar mill-erba' Kurituri Prijoritarji tal-Mobbiltà Militari identifikati mill-Istati Membri fl-Anness II tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha kif adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Marzu 2025. L-operazzjonijiet appoġġati li huma parti minn dawk il-Kurituri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-infrastruttura stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni bbażati fuq l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj>).";

- (b) fil-paragrafu 1a, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Ir-riżorsi taħt l-oġettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix), għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-oġettiv ta' politika rilevanti.

Meta emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tħallas **20 %** tal-allokazzjoni għal tali prijoritajiet iddedikati kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba flimkien mal-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 jew fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*. ***Meta tali prijoritajiet iddedikati jkunu ġew inklużi f'emenda tal-programm ippreżentat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba ta' 30 % tal-allokazzjoni lil dawk il-prijoritajiet kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm. Il-prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba*** għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1059/oj>).";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1c. Ir-riżorsi taħt l-oġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vii), il-punti (b)(v), (xi) u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii) u l-punti (e)(iii) u **(iv)**, għandhom jiġu pprogrammati taħt prijoritajiet iddedikati li jikkorrispondu għall-oġettiv ta' politika rilevanti.

Meta emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tħallas **20 %** tal-allokazzjoni għal tali prijoritajiet iddedikati kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba flimkien mal-prefinanzjament annwali għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060 ***u fl-Artikolu 51(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1059***. Il-prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm.

L-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu, skont l-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiġi kklerjat mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

Kwalunkwe mġax iġġenerat minn tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu, skont l-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FEŻR **jew il-Fond ta' Koeżjoni** u jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

Skont l-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba ma għandux jiġi sospiż.

Il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jinkludi kwalunkwe prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba mħallas.

B'deroga mill-Artikolu **112(3) u (4)** tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal prijoritajiet iddedikati stabbilita biex jiġu appoġġati l-oġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vii), il-punti (b)(v), (xi) u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii) u l-punti (e)(iii) u **(iv)**, ta' dan l-Artikolu, għandha ***tiżdied b'10 punti perċentwali ogħla mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, mingħajr ma taqbeż 100 %.***;

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa l-PO 2 u 3, inkluż l-oġġettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (b)(x), (xi) u (xii) u l-punt (c)(iii), ta' dan l-Artikolu, sa fejn tali appoġġ ikun konformi mal-ambitu ta' appoġġ kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7.";

(e) *jiżdied il-paragrafu li ġej:*

**"5. B'deroga mill-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, għall-operazzjonijiet appoġġati taħt l-oġġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vii) u (c)(iii), ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun meħtieġ jagħmel id-data relatata ma' dawk l-operazzjonijiet pubblikament disponibbli meta tali divulgazzjoni ma tkunx permessa għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku skont l-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel ma jagħżlu l-operazzjoni kkonċernata għall-appoġġ. Dan is-subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'rabta mal-verifiki u l-awditi u d-dmir tal-Parlament Ewropew li jeżerċita kontroll politiku skont l-Artikolu 14 tat-TUE u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 319 tat-TFUE.**



*Il-benefiċjarji ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 50(1), il-punti (c), (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-operazzjonijiet marbuta mal-oġġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a)(vii) u (c)(iii), ta' dan l-Artikolu, fejn il-wiri pubbliku tal-informazzjoni dwar l-appoġġ jew l-organizzazzjoni ta' avveniment jew attività ta' komunikazzjoni mhux meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku skont l-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060.*

*Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew mill-anqas darba fis-sena tal-għadd ta' operazzjonijiet li huma soġġetti għad-deroga prevista fit-tieni subparagrafu, kif ukoll il-kost totali tagħhom, b'mod aggregat, b'kunsiderazzjoni dovuta għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.";*

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu segwiti matul il-perijodu kollu ta' programmar, inkluż meta l-allokazzjonijiet tal-FEŻR jiġu trasferiti bejn il-prijoritajiet ta' programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Meta Stat Membru jippreżenta talba għal emenda ta' programm f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-ammonti pprogrammati għall-oġġettivi speċifiċi msemmija **fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu**, il-punti (a)(vi) u (b)(ix), ta' dan ir-Regolament, kif ukoll għall-oġġettivi speċifiċi msemmija **fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu**, il-punt (a)(vii), il-punti (b)(v), (xi) u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii) u l-punti (e)(iii) u (iv), ta'dan ir-Regolament, jistgħu jingħaddu jew għall-ammonti meħtieġa għal PO 1 jew PO 2 jew maqsuma bejn it-tnejn.

*Meta Stat Membru jikkonforma mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika fil-livell tal-kategorija tar-reġjuni, l-ammonti pprogrammati għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix), kif ukoll għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(vii), il-punti (b)(v), (xi) u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii) u l-punti (e)(iii) u (iv), li jaqbbzu l-limiti għall-konċentrazzjoni tematika għal kategorija tar-reġjun, jistgħu jingħaddu mal-limiti tal-konċentrazzjoni tematika f'kategoriji oħra ta' reġjuni fl-istess oġġettiv ta' politika.*

*Dan il-paragrafu għandhu japplika biss meta jiġu ttrasferiti l-allokazzjonijiet għall-oġġettivi speċifiċi msemmija hawnhekk minn reġjuni aktar żviluppati jew reġjuni fi tranżizzjoni lejn reġjuni anqas żviluppati u minn reġjuni aktar żviluppati lejn reġjuni fi tranżizzjoni."*

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) meta jikkontribwixxu għall-oġġettivi speċifiċi skont il-PO 1 stabbiliti fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (vii), jew għall-oġġettiv speċifiku skont il-PO 2 stabbilit fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(ix), ***f'reġjuni anqas żviluppati u fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-EU-27 imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs;***"

(2) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(f) meta jikkontribwixxu għal proġett importanti ta' interess Ewropew komuni li l-Kummissjoni sabet li huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni", filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs;

(g) meta jiffaċilitaw l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti, *f'reġjuni anqas żviluppati u fi tranżizzjoni, kif ukoll f'reġjuni aktar żviluppati tal-Istati Membri li l-PDG medju per capita tagħhom huwa taħt il-medja tal-EU-27 imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017, filwaqt li tinżamm enfasi fuq l-SMEs.*";

(ii) it-tieni subparagrafu *huwa sostitwit b'dan li ġej;*

*"Il-punti (e) u (g) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-programmi Interreg meta l-kopertura ġeografika tal-programm fl-Unjoni tikkonsisti esklużivament minn kategoriji ta' reġjuni stabbiliti f'dawk il-punti."*

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"10. Minbarra l-possibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri jistgħu, bil-qbil tal-awtoritajiet ta' ġestjoni kkonċernati, jallokaw riżorsi mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni lill-kompartiment tal-Istati Membri tal-Fond InvestEU biex jużawhom permezz tal-istrument finanzjarju previst fil-Programm InvestEU. Tali kontribuzzjonijiet għandhom **jew** ikunu soġġetti għall-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060 u jgħoddu għal-limiti massimi stabbiliti f'dak l-Artikolu, **jew jingħaddu b'mod kumulattiv dment li t-trasferimenti totali ma jaqbżux EUR 50 miljun**. Ir-riżorsi ġġenerati minn jew attribwibbli għall-ammonti kkontribwiti għall-istrument finanzjarju InvestEU f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru f'konformità mal-ftehim ta' kontribuzzjoni u għandhom jintużaw għall-appoġġ taħt l-istess objettiv jew objettivi fil-forma ta' strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji.

11. Minbarra l-possibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 73(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060, għal proġetti li jipparteċipaw direttament fi proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni li l-Kummissjoni sabet li huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni", l-awtorità ta' ġestjoni tista' tiddeċiedi li tagħti appoġġ mill-FEŻR direttament, dment li tali operazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 73(2), il-punti (a), (b) u (g), tar-Regolament (UE) 2021/1060. ■

---

\* Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>).";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 7a

***Dispożizzjonijiet speċifiċi marbuta mar-rieżami ta' nofs it-terminu u l-flessibbiltà relatata***

1. FI-2026, il-Kummissjoni għandha tħallas **1,5 %** tal-appoġġ totali mill-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni ***u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)*** stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, skont id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm, bħala prefinanzjament addizzjonali ta' darba. Dak il-perċentwal ta' prefinanzjament addizzjonali ta' darba għandu jżied għal **9,5 %** għal programmi taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun ta' livell NUTS 2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna, dment li dak il-programm ma jkoprix it-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, fejn ir-reġjuni ta' livell NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna jiġu inklużi biss fi programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat, il-perċentwal miżjud għandu japplika għal taliprogrammi wkoll.

2. Il-prefinanzjament addizzjonali ta' darba msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-inqas **10 %** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti għall-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (vii), il-punti (b)(v), (ix), (xi) u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii) u l-punti (e)(iii) u (iv), ikunu ġew approvati fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025 ("il-limiti ta' 10%").

***Ir-riallokazzjonijiet li ġejjin fl-istess programm għandhom jingħaddu wkoll mal-limitu ta' 10 %:***

- (a) riallokazzjonijiet mill-FSE+ għall-prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti skont l-Artikoli 12a, 12c u 12d tar-Regolament (UE) 2021/1057 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu;***
- (b) riallokazzjonijiet mill-JTF għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta' STEP jew stabbiliti għall-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu;***



- (c) *riallokazzjonijiet mill-FEŻR jew mill-Fond ta' Koeżjoni għall-prijoritajiet iddedikati għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix), ta' dan ir-Regolament jew mill-FSE+ għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti skont l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2021/1057 jew mill-JTF għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP approvati f'emendi tal-programm qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu;*
- (d) *riallokazzjonijiet mill-FEŻR jew mill-Fond ta' Koeżjoni għall-prijoritajiet stabbiliti għall-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(v), approvati f'emendi tal-programm mill-1 ta' Jannar 2025.*

3. *Ir-riżorsi li ġejjin ma għandhomx jittqiesu għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont li jikkorrispondi għal-limitu ta' 10 %:*
- (a) *riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/1056;*
  - (b) *il-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 110(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/1060;*
  - (c) *ir-riżorsi riallokati għall-prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti biex jappoġġaw ir-rispons għad-diżastri naturali skont l-Artikolu 12b tar-Regolament (UE) 2021/1057, jew fl-ambitu tal-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b)(x), ta' dan ir-Regolament.*
4. Il-prefinanzjament addizzjonali ta' darba li huwa dovut lill-Stat Membru u li jirriżulta minn emendi tal-programm skont ir-riallokazzjoni tal-prioritajiet msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jingħadd bħala pagamenti li saru fl-2025 għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/1060, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

5. B'deroga mill-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, id-data finali għall-eliġibbiltà tan-nefqa ■ u d-diżimpenn għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2030 meta l-emendi tal-programm li jirriallokaw mill-inqas **10 %** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar ***imsemmija fil-paragrafu 2*** ta' dan l-Artikolu jkunu ġew approvati.
6. ***Meta Stat Membru jkollu programm wieħed biss li jkopri t-territorju kollu tiegħu u dak il-programm ikun iffinanzjat mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-FSE+ u mill-JTF, id-deroga msemmija fil-paragrafu 5 għandha tapplika meta mill-inqas 7 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm jiġu riallokati għall-prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti għall-oġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 2.***

7. *Fir-rigward tal-programmi msemija fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, meta r-Regolament (UE) 2021/1060 jew wieħed mir-Regolamenti speċifiċi għall-fondi jistabbilixxu d-data finali għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-qafas ta' prestazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni, dik id-data għandha titqies li tirreferi għall-istess data fis-sena ta' wara. Barra minn hekk, b'deroga mill-Artikolu 2, il-punt (29), tar-Regolament (UE) 2021/1060, għal tali programmi s-sena kontabilistika finali għandha titqies li tirreferi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2030 sat-30 ta' Ġunju 2031.*
8. L-Istati Membri jistgħu, f'talbiet għal emendi tal-programm ippreżentati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060, jitolbu r-riallokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻR ipprogrammati taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir għall-Inizjattiva Urbana Ewropea u għall-Istrumenti għall-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni msemija, rispettivament, fl-Artikoli 12 u 13 ta' dan ir-Regolament. Ir-riżorsi riallokati għandhom jiġu implimentati għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Tali riallokazzjonijiet ma għandhomx jikkostitwixxu trasferimenti fis-sens tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060.
9. *F'konformità mal-Artikolu 40(2), il-punt (d), u l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/1060, it-talbiet għal emendi tal-programm għar-riallokazzjoni tar-riżorsi fl-ambitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu għandhom jiġu ppreżentati biss wara l-approvazzjoni mill-kumitat ta' monitoraġġ. Meta tali riallokazzjoni tikkonċerna riżorsi pprogrammati skont l-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament, għandha ssegwi konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali responsabbli, f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar l-isħubija.*

10. B'deroga mill-Artikolu 112(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-prijoritajiet fi programmi taħt il-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir li jkopru reġjun ta' livell NUTS 2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarusja jew l-Ukrajna għandha ***tiżdied b'10 punti perċentwali ogħla mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, mingħajr ma jinqabeż*** il-100 %. Ir-rata ogħla ta' kofinanzjament ma għandhiex tapplika għal programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm daww ir-reġjuni ta' livell NUTS 2 ma jkunux inklużi biss fi programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat.

Id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tapplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-inqas **10 %** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għall-prijorità ddedikata waħda jew aktar imsemmija ***fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu*** ikunu ġew approvati, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

11. Minbarra l-valutazzjoni għal kull programm dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri *jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2025*, jippreżentaw mill-ġdid valutazzjoni komplementari kif ukoll talbiet relatati għal emendi tal-programm *lill-Kummissjoni*, filwaqt li jqisu l-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi), u (vii), il-punti (b)(v), (ix), (xi), u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii) u l-punti (e)(iii) u (iv). Għandhom japplikaw l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu **24** tar-Regolament (UE) 2021/1060.
12. Meta l-kontribuzzjoni għall-klima tal-Fond ta' Koeżjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 taqbeż il-mira ta' 37 % tal-allokazzjoni totali tagħha, l-ammont li jaqbeż dik il-mira jista' jitqies meta tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni għall-klima tal-FEŻR għall-fini li tintlaħaq il-mira ta' 30 % tal-allokazzjoni totali tiegħu. L-ammonti li jaqbżu l-mira tal-kontribuzzjoni għall-klima tal-FEŻR ta' 30 % tal-allokazzjoni totali tiegħu jistgħu jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni għall-klima tal-Fond ta' Koeżjoni.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj>).

(5) fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Azzjonijiet innovattivi li ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti taħt l-Inizjattiva Urbana Ewropea, jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik is-sejħa, u ma jistgħux jiġu ffinanzjati minħabba restrizzjonijiet baġitarji, jistgħu jiġu attribwiti Siġill ta' Eċċellenza mill-Kummissjoni.

Għall-finijiet tas-Siġill ta' Eċċellenza, l-Inizjattiva Urbana Ewropea titqies li hija sors ieħor tal-Unjoni li huwa distint mill-programmi implimentati u mħejji f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/1060.";

(6) fl-Anness I, it-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

(a) fl-oġġettiv ta' politika 1, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

|  |                                                                                                                                                                |                                                                                                                                                                                                     |                                                                |
|--|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------|
|  | "(vii) Tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu kapaċitajiet ta' difiża, <b><i>filwaqt li tingħata prijorità lill-kapaċitajiet b'użu doppju;</i></b> | Kwalunkwe RCO elenkat għall-oġġettivi speċifiċi (i) jew (iii) RCO 128 - L-intrapriżi appoġġati primarjament marbuta mat-trawwim ta' kapaċitajiet ta' użu doppju u ta' difiża (ReArmEU) - intrapriżi | Kwalunkwe RCR elenkat għall-oġġettivi speċifiċi (i) jew (iii)" |
|--|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------|

;



- (b) fl-objettiv ta' politika 2, ir-ringiela għall-objettiv speċifiku (v) hija sostitwita b'dan li ġej:

|  |                                                                                                                                                                |                                                                                                                   |                                                                                                              |
|--|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  |                                                                                                                                                                | RCO 30 - Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-provvista pubblika tal-ilma - km | RCR 41 - Popolazzjoni konnessa ma' provvista pubblika mtejba tal-ilma - persuni                              |
|  | "(v) Promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, <b><i>inkluż l-immaniġġjar integrat tal-ilma</i></b> , u r-reżiljenza idrika | RCO 31 - Tul ta' pajpijiet ġodda jew imtejba għan-network pubbliku għall-ġbir tal-ilma mormi - km                 | RCR 42 - Popolazzjoni konnessa, għall-inqas, ma' trattament pubbliku sekondarju tal-ilma mormi - persuni     |
|  |                                                                                                                                                                | RCO 32 - Kapacià ġdida jew imtejba għat-trattament tal-ilma mormi - ekwivalenti għall-popolazzjoni                | RCR 43 - Telf ta' ilma f'sistemi ta' distribuzzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma - metri kubi fis-sena" |

;

(c) fl-objettiv ta' politika 2, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

|  |  |                                                                                                                                                                                                                                                                      |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
|--|--|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  |  | <p>RCO 18 - Abitazzjonijiet affordabbli <b><i>u sostenibbli</i></b> bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija - abitazzjonijiet</p> <p>RCO 65 - Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, <b><i>sostenibbli</i></b> u soċjali ġdida jew modernizzata - persuni ■</p> | <p>RCR 26 - Konsum annwali tal-enerġija primarja (li minnu: abitazzjonijiet affordabbli <b><i>u sostenibbli</i></b>, binjiet pubbliċi, intrapriżi, oħrajn) - MWh/sena</p> <p>RCR 29 - Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati - tunnellati ta' CO<sub>2</sub> eq./sena</p> <p>RCR 67 - Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli, <b><i>sostenibbli</i></b> u soċjali ġdida jew modernizzata - utenti/sena</p> |
|--|--|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

|  |                                                                                                                                                                                                                                                                                       |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |  |
|--|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--|
|  | <p>(xii) Il-promozzjoni tal-interkonnnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-trażmissjoni, <b><i>tad-distribuzzjoni, tal-ħażna u ta' appoġġ relatata, kif ukoll il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija</i></b> u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar</p> | <p>RCO 59 -<br/>Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (punti tar-riforniment/tal-irriċarġjar)</p> <p>RCO 131 - Linji tan-network tat-trażmissjoni <b><i>jew tad-distribuzzjoni</i></b> tal-enerġija u interkonnnetturi - mibnija ġodda jew imtejba</p> <p><b><i>RCO 105 - Soluzzjonijiet għall-ħażna tal-elettriku"</i></b></p> |  |
|--|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--|

;

(d) fl-objettiv ta' politika 3, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

|  |                                                                                                                                                                                                                                         |                                                                                                                                                                                                                                             |                                                                     |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------|
|  | <p>"(iii) L-iżvilupp ta' infrastruttura reżiljenti tad-difiża ■ , <i>filwaqt li tingħata prijorità lil dik b'użu doppju, inkluż biex titrawwem il-mobbiltà militari fl-Unjoni, kif ukoll biex tissaħħaħ il-preparatezza ċivili;</i></p> | <p>Kwalunkwe RCO elenkat għall-objettivi speċifiċi (i) jew (ii)</p> <p>RCO 129 - Infrastruttura adattata għar-rekwiżiti tal-mobbiltà militari</p> <p><b>RCO 29 - Kapaċità tax-xelters b'diversi użi mibnija jew rinnovati (persuni)</b></p> | <p>Kwalunkwe RCR elenkat għall-objettivi speċifiċi (i) jew(ii)"</p> |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------|

;

(e) fl-objettiv ta' politika 4, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

|  |                                                                                                        |                                                                                                                                              |                                                                                                                                                                                              |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  |                                                                                                        | RCO 18 -<br>Abitazzjonijiet<br><b><i>affordabbli u sostenibbli</i></b> bi<br>prestazzjoni mtejba<br>fl-użu tal-enerġija -<br>abitazzjonijiet | RCR 26 - Konsum<br>annwali tal-<br>enerġija primarja<br>(li minnu:<br>abitazzjonijiet<br><b><i>affordabbli u sostenibbli</i></b> , binjiet<br>pubbliċi, intrapriżi,<br>oħrajn) -<br>MWh/sena |
|  | "(vii) Il-promozzjoni tal-<br>aċċess għal<br>akkomodazzjoni<br>affordabbli <b><i>u sostenibbli</i></b> | RCO 65 - Kapaċità<br>ta' akkomodazzjoni<br>soċjali, affordabbli<br><b><i>u sostenibbli</i></b> ġdida<br>jew modernizzata -<br>persuni ■      | RCR 29 -<br>Emissjonijiet tal-<br>gassijiet serra<br>stmati - tunnellati<br>ta' CO <sub>2</sub> eq./sena                                                                                     |
|  |                                                                                                        |                                                                                                                                              | RCR 67 - Utenti<br>annwali ta'<br>akkomodazzjoni<br>affordabbli,<br><b><i>sostenibbli</i></b> u<br>soċjali ġdida jew<br>modernizzata -<br>utenti/sena"                                       |

;

(f) fl-objettiv ta' politika 5, tiżdzied ir-ringiela li ġejja:

|  |                                                                                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                                                         |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  | <p>"(iii) It-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli <b>u sostenibbli</b> fit-tipi kollha ta' territorji</p> | <p>RCO 18 - Abitazzjonijiet <b>affordabbli u sostenibbli</b> bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija - abitazzjonijiet</p> <p>RCO 65 - Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, <b>sostenibbli</b> u soċjali, ġdida jew modernizzata - persuni ■</p> | <p>RCR 26 - Konsum annwali tal-enerġija primarja (li minnu: abitazzjonijiet <b>affordabbli u sostenibbli</b>, binjiet pubbliċi, intrapriżi, oħrajn) - MWh/sena</p> <p>RCR 29 - Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmata - tunnellati ta' CO<sub>2</sub> eq./sena</p> <p>RCR 67 - Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli, <b>sostenibbli</b> u soċjali ġdida jew modernizzata - utenti/sena"</p> |
|--|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

**Emendi tar-Regolament (UE) 2021/1056**

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 8(2) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) *il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"(f) investimenti f'mobbiltà lokali intelliġenti u sostenibbli, inkluż id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport lokali u l-infrastruttura tiegħu, kif ukoll il-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar;"*

(ii) *il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"(i) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti abbandunati, l-ilma, ir-restawr tal-art u inkluż, fejn meħtieġ, infrastruttura ekoloġika u proġetti bi skop ġdid, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";"*

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

*"(p) il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli;*

*(q) l-appoġġ għas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija meta jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji reġjonali u għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja.";*

(b) *it-tieni subparagrafu huwa mħassar;*

(c) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-JTF jista' jappoġġa wkoll investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs, filwaqt li jinżamm enfasi fuq l-SMEs ■ . Tali investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss ***meta huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta, meta l-appoġġ tagħhom huwa meħtieġ għall-ħolqien ta' impjiegi fit-territorju identifikat u*** meta ma jwasslux għal rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (27), tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-għoti ta' tali appoġġ ma għandux jirrikjedi reviżjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta fejn dik ir-reviżjoni tkun marbuta esklużivament mal-analiżi tal-lakuni. ***Għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/795, l-apprendistati u l-impjiegi, l-edukazzjoni jew it-taħriġ għal ħiliet ġodda għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċess tal-għażla.***";



(d) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-operazzjonijiet attribwiti Siġill ta' Eċċellenza kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (45), tar-Regolament (UE) 2021/1060 u għal proġetti li jipparteċipaw direttament fi proġett importanti ta' interess Ewropew komuni li l-Kummissjoni sabet li huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-TFUE filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni", l-awtorità ta' ġestjoni tista' tiddeċiedi li tagħti appoġġ mill-JTF direttament, dment li tali operazzjonijiet jikkontribwixxu għall-oġġettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta."; ■

(2) fl-Artikolu 10, *jżdziedu l-paragrafi li ġejjin*:

"5. Meta r-riżorsi tal-JTF jiġu pprogrammati bħala prioritajiet fi programm li jkun fih ukoll riżorsi tal-FEŻR, ***tal-FSE***+ jew tal-Fond ta' Koeżjoni, minbarra l-valutazzjoni għal kull programm dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw mill-ġdid ***lill-Kummissjoni*** valutazzjoni komplementari kif ukoll talbiet relatati għal emendi tal-programm, filwaqt li jqisu l-oġettivi speċifiċi ***u l-attivitàjiet appoġġati*** introdotti mir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> ***sal-31 ta' Diċembru 2025***. Għandhom japplikaw l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu ***24*** tar-Regolament (UE) 2021/1060.

***Tali programm jista' jibbenefika mill-prefinanzjament addizzjonali ta' darba msemmi fl-Artikolu 7a(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/1058, meta applikabbli.***

Meta tali programm jibbenefika minn skadenza estiża għall-eliġibbiltà tan-nefqa ■ kif ukoll għad-diżimpenn f'konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) 2021/1058, tali estensjoni għandha tapplika wkoll għar-riżorsi tal-JTF.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament emendatorju.

6. *Meta r-riżorsi tal-JTF jiġu pprogrammati fi programm iddedikat, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu prioritajiet iddedikati biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP jew għall-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, f'konformità mal-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (p), ta' dan ir-Regolament.*

*Meta mill-anqas 10 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm jiġu riallokati għal priorità ddedikata waħda jew aktar imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha, fl-2026, tħallas 1,5 % tal-appoġġ totali mill-JTF għall-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba. Barra minn hekk, ir-riallokazzjonijiet għal prioritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP approvati fl-emendi tal-programm qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandhom jgħoddu wkoll għal-limitu ta' 10 %. Ir-riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru msemmija fl-Artikolu 4 ma għandhomx jitqiesu għall-fini tal-kalkolu tal-ammont li jikkorrispondi għall-10 % tar-riżorsi finanzjarji tar-riżorsi tal-programm.*

*Il-prefinanzjament dovut lill-Istat Membru li jirriżulta mill-emendi tal-programm skont ir-riallokazzjoni għall-prijoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jingħadd bħala pagamenti li saru fl-2025 għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/1060, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.*

*B'deroga mill-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, id-data finali għall-eliġibbiltà tan-nefqa u tad-diżimpenn għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2030. Dik id-deroga għandha tapplika biss meta jkunu ġew approvati l-emendi tal-programm li jirriallokaw mill-anqas 10 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijetà ddedikata waħda jew aktar stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.*

*Għal tali programmi, meta r-Regolament (UE) 2021/1060 jistabbilixxi d-data finali għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-qafas ta' prestazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni, dan għandu jinqara bħala li jirreferi għall-istess data fis-sena ta' wara. Barra minn hekk, b'deroga mill-Artikolu 2, il-punt (29), tar-Regolament (UE) 2021/1060, għal tali programmi s-sena kontabilistika finali għandha titqies li tirreferi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2030 sat-30 ta' Ġunju 2031.*

*Minbarra l-valutazzjoni għal kull programm dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw mill-ġdid lill-Kummissjoni valutazzjoni komplementari kif ukoll talbiet relatati għal emendi tal-programm, filwaqt li jqisu l-attivitajiet appoġġati introdotti mir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> sal-31 ta' Diċembru 2025. Għandhom japplikaw l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060.*

---

\* Ir-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ... (ĠU ...).";

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament emendatorju u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

(3) Fl-Artikolu 11(2), *il-punti (h) u (i) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:*

***"(h) fejn għandu jingħata appoġġ lil investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs, lista indikattiva tal-operazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ, inkluż permezz, fejn meħtieġ għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investment;***

(i) fejn għandu jingħata appoġġ lill-investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, lista ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u ġustifikazzjoni li dawn jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jinżlu taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm dawn l-operazzjonijiet ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi;"

(4) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-indikaturi tal-output, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti għal zero. It-tragwardi stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi.";

(5) *fl-Anness II, it-test li jirreferi għall-punt (h) tal-Artikolu 11(2) fil-punt 2.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Għandha timtela biss jekk jingħata appoġġ lil investimenti produttivi f'intrapriżi għajr l-SMEs:*

*- lista indikattiva tal-operazzjonijiet u l-intrapriżi li għandhom jiġi appoġġati u għal kull waħda minnhom ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ, inkluż permezz, fejn mehtiegħ għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investment*

*Aġġorna jew imla' din it-taqsima permezz tar-reviżjoni tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, skont id-deċiżjoni biex jingħata tali appoġġ."*

(6) *fl-Anness III, tiżdied ir-ringiela li ġejja:*

|                                                                                                                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <i>"RCO 18 - Abitazzjonijiet affordabbli u sostenibbli bi prestazzjoni mtejba fl-użu tal-enerġija - abitazzjonijiet RCO 65 - Kapaċità ta' akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u soċjali ġdida jew modernizzata - persuni</i> | <i>RCR 26 - Konsum annwali tal-enerġija primarja (li minnu: abitazzjonijiet affordabbli u sostenibbli, binjiet pubbliċi, intrapriżi, oħrajn) - MWh/sena RCR 29 - Emissjonijiet tal-gassijiet serra stmati - tunnellati ta' CO<sub>2</sub> eq./sena RCR 67 - Utenti annwali ta' akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u soċjali ġdida jew modernizzata - utenti/sena"</i> |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

.



### *Artikolu 3*

#### *Limitazzjonijiet fuq emendi tal-programm u trasferimenti*

*L-ammonti li jikkorrispondu għall-impenji sospiżi mill-miżuri adottati fil-kuntest tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u l-ammonti li jaqbżu l-ammont ta' flessibilità li jikkorrispondu għall-oġġettivi speċifiċi soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni abbażi tal-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060 ma għandhomx ikunu soġġetti għal emenda jew trasferiment tal-programm skont dan ir-Regolament.*

### Artikolu 4

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **fil-jum** wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) [2025/...] <sup>19</sup>**

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tifhem l-intenzjoni tal-koleġiżlaturi li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura li l-Istat tad-Dritt jinżamm fl-implimentazzjoni tal-Fondi u se tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-programm f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità marbuta mal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu.

---

<sup>19</sup> ĠU L ... [numru, data, numru tal-paġna, ELI].